**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 16 ta' Marzu 2017**

**Pulizija**

**Spettur Lara Butters**

**Spettur Jonathan Ferris**

**Spettur William Scicluna**

**Vs**

**Ali Fauzi Ltetey**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra **Ali Fauzi Ltetey** ta' 38 sena, iben Fauzi u Mediha nee' Abdel Hamid, imwieled Tripoli, Libya fis-17 ta' Novembru 1977, residenti Dainty, Flat 1, Triq Depiro, Sliema, u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 0027268A;

Talli f'Awwissu 2015 u fix-xhur u snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer:

1) B'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

2) Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li gew iffurmati, inkella billi zied jew

biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

3) Talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' taghrif falz;

4) Talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn xi dokument falsifikat;

5) Talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi f'Malta assocja ruhu ma' Joseph Sammut ID: 471587M f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt (dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz lill-Awtorita' Pubblika) f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, u li ma jkunx delitt taht l-Att dwar l-Istampa;

6) Talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi xjentement, ghen jew assista lill-awtur Joseph Sammut ID: 471857M fl-atti li bihom id-delitti ta' Frodi hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Falsifikazzjoni ta' Dokumenti hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 189 tal-Ligijiet ta' Malta u Dikjarazzjonijiet foloz jew taghrif falz lill-Awtorita' Pubblika hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kien gie ppreparat jew ikkunsmat;

7) Talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, mill-Magistrat Antonio Micallef Trigona LL.D nhar it-3 ta' Dicembru 2013, liema sentenza hi definittiva u ma tistghax tigi mibdula;

8) Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex taplika *mutatis mutandis* id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 23A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9) Il-Qorti hija finalment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fis-16 ta' Marzu 2017, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u l-Qorti setghet tittratta b'mod sommarju mal-imputat ghal dan ir-reat;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat illi l-Prosekuzzjoni u d-difiza, bi qbil mal-Avukat Generali, kienu qed jissuggerixxu li l-Qorti tikkonsidra taghti piena ta' prigunerija sospiza lill-imputat, tenut kont li hu kien ser jixhed f'kumpilazzjoni ohra kontra terzi;

**Ikkunsidrat;**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li ssibu hati u tghaddi ghas-sentenza minnufih. Il-fatti tal-kawza fil-qosor kienu s-segwenti. L-imputat kien ftiehem ma' terzi biex jaghmilha ta' intermedjarju u jressaq persuni ta' nazzjonalita' Libjana lejn Malta sabiex japplikaw ghal permess ta' residenza. Biex dawn jaghmlu hekk, huma kellhom jehdu post bil-kera, u ghalhekk l-imputat kien ftiehem ma' persuni ohra biex dawn jikru l-proprjeta' taghhom lil dawn il-Libjani. Gara, izda, li kull fond hekk moghti b'kera kien qed jinghata lil aktar minn persuna wahda, u dan bi ftehim bejn sid il-kera. L-imputat, u l-persuna li kienet qed tissorvelja din l-operazzjoni kollha. B'rizultat dirett ta' dan, kien hemm hafna aktar applikanti ghal permess ta' residenza milli kien hemm fondi hekk mikrija lilhom. Ghalhekk, jekk ghall-argument ghal kull indirizz kien hemm tlitt jew erba' applikanti Libjani b'dak l-istess indirizz, l-Awtoritajiet Maltin kienu qed jimxu fuq dawn id-dikjarazzjonijiet maghmula mill-imputat, liema dikjarazzjonijiet kienu, ghaldaqstant, foloz.

Meta gie nterrogat mill-Pulizija fit-3 ta' Frar, 2016, l-imputat ma kien wiegeb ghall-ebda domanda, u ghalhekk kien tressaq b'arrest l-ghada, 4 ta' Frar, 2016. Sena wara, izda, fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-imputat ghazel li jirregistra ammissjoni b'mod volontarju u minn jheddu, u ddikjara li ser jixhed f'proceduri ohra kontra terzi. Ghalhekk, il-Prosekuzzjoni u d-

difiza qablu li bhala piena l-imputat seta' jibbenefika minn sentenza sospiza, hekk kif qabel ukoll l-Avukat Generali. Il-Qorti hi tal-fehma li m'ghandhiex ghalfejn tiddisturba dan il-ftehim fuq piena li ghandha tinghata lill-imputat. Madankollu, tenut kont li dawn il-proceduri kienu jittrattaw parti minn operazzjoni li kienet tinvolvi numru ta' persuni barranin, u l-partijiet involuti kienu konxji ta' dak li qed jaghmlu a detriment tal-Awtoritajiet, u tenut kont li kien hemm element ta' qligh ekonomiku ghall-persuni involuti f'dan il-kaz, il-Qorti sejra taghti wkoll multa lill-imputat, bhala parti mill-piena. Huwa biss minhabba fil-fatt li l-imputat ammetta dawn l-akkuzi u li ddikjara li ser jaghti x-xiehda tieghu kontra terzi li l-Qorti taqbel li jkun hemm l-applikazzjoni ta' sentenza sospiza. Li kien mod iehor, is-sentenza kienet tkun wahda ta' prigunerija effettiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 23A, 23B, 42, 45 (a)(b)(c), 48A, 49, 50, 183, 188, 189, 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannha ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tikkundannah ukoll ghall-hlas ta' multa ta' hamest elef euro (€5,000).

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**